# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA'  LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 499**

**It-Tnejn 24 ta' Settembru, 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Mark Grech – Viċi-Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Joseph Bonnici – Kunsillier

**ASSENTI  b'APOLOĠIJI**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Joseph Vella – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier
Julian Paul Scicluna – Kunsillier

**UFFIĊJAL  PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Il Viċi-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 499.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

499.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sindku fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku jkun skużat.

499.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jkun skużat.

499.1.3 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Roderick Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Roderick Vella jkun skużat.

499.1.4 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Julian Paul Scicluna fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Julian Paul Scicluna Vella jkun skużat.

## 499.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

499.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 498.3.2 u minflok il-kliem 'ma jaċċettax it-talba tal-kumpanija *Malta Textile Recycling'* jitniżżel il-kliem 'jżomm din it-talba pendenti sakemm jingħata l-parir'.

499.2.2 Il-minuti tal-498 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace.

## 499.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

499.3.1 Ma kienx hemm komunikazzjoni mis-Sindku.

499.3.2 Il-Viċi-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju Parlamentari għall-Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva sabiex il-Kunsill jinnomina individwi jew organizzazzjonijiet li qed iħallu impatt fis-settur tad-diżabilità għall-Premju Soċjetà Ġusta 2018.

499.3.3 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija *TCTC* fejn ġie propost illi jsiru korsijiet tal-kompjuter *ECDL* u *Learn IT* għall-prezz ta' €2,800. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jħallasx is-somma ta' €2,800 u li ssir laqgħa mas-Sur Ray Abela, Direttur Maniġerjali tal-kumpanija, biex flimkien tiġi diskussa l-possibilità

li jintlaħaq ftehim biex dawn il-korsijiet jiġu organizzati mingħajr ebda spejjeż għall-Kunsill.

499.3.4 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lis-Sur Abela, Direttur Maniġerjali tal-kumpanija *TCTC,* sabiex ibiddel l-*aircondition* li hemm fil-kamra li tintuża għall-korsijiet tal-kompjuter bħala kumpens.

499.3.5 Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jagħti *evaluation sheet* lill-istudenti li jkunu attendew kors organizzat fil-bini tal-Kunsill, biex b'hekk l-istudenti jkunu jistgħu jagħtu rispons dwar il-kwalità tal-kors.

499.3.6 Il-Viċi-Sindku tkellem dwar iċ-ċirkulari AKL 2018/107 dwar il-ħlas ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma fil-Kunsill Lokali. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jkun parti mill-inizjattiva rigward is-servizz ta' ħlas ta'kontjiet mill-Kunsilli Lokali.

499.3.7 Il-Viċi-Sindku tkellem dwar il-programm li ser jibda jixxandar fuq TVM bl-isem *Wara Nofsinhar* bi preżentazzjoni ta' Jean Claude Micallef. Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur John J Pace u l-Viċi-Sindku jipparteċipaw fil-*quiz* matul il-programm *Wara Nofsinhar.*

499.3.8 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi r-Reġjun Xlokk kien qiegħed fil-proċess li jippubblika s-sejħa għall-offerti għal tiswija tad-dawl tat-toroq u talab lill-Kunsill sabiex jissieħeb fis-sejħa b'mod reġjonali. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li s-sejħa għall-offerti għall-manutenzjoni tad-dawl fit-toroq issir b'mod konġunt mar-Reġjun Xlokk.

499.3.9 Il-Viċi-Sindku qal illi l-Mużew tas-Santwarju kien ser jippubblika ktieb bil-kitbiet tas-Sur Karmenu Bonavia. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi organizzata attività għal din l-okkażżjoni bil-kollaborazzjoni tal-Mużew tas-Santwarju, liema spiża m'għandhiex taqbeż is-somma ta' €300.

499.3.10 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi b'effett mill-31 t'Ottubru 2018 ser jibda jinġabar l-iskart organiku mid-djar f'borża apposta skont l-iskeda. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi l-boroż tal-iskart ser jibdew jinġabru kif ġej : nhar ta' Tnejn skart imħallat (il-borża s-sewda) kif ukoll il-borża tal-iskart organiku, nhar ta' Tlieta il-borża tal-iskart reċiklat, nhar ta' Erbgħa il-borża tal-iskart organiku, nhar ta' Ħamis skart imħallat (il-borża s-sewda), nhar ta' Ġimgħa skart organiku, nhar ta' Sibt skart imħallat (il-borża s-sewda).

499.3.11 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv semma l-ħtieġa li tinħareġ sejħa għall-konċessjoni għall-kollezzjoni ta'skart separat ta' karti, plastik, metal u ħġieġ fil-lokalità ta' Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ is-sejħa għall-konċessjoni għall-kollezzjoni ta'skart separat ta' karti, plastik, metal u ħġieġ fil-lokalità ta' Ħaż-Żabbar.

**499.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

499.4.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda tal-ħlasijiet għall-perjodu mill-21 t' Awwissu 2018 sal-24 ta' Settembru 2018 li kien jammonta għal €92,294.04. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

499.4.2 Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash* għax-xahar t'Awwissu li kien jammonta għal €118.50.

**499.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

499.5.1 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx ħa parir dwar il-kumpanija *Malta Textile Recycling* li kienet lesta li toffri €20 għal kull *textile recycling bin* li jitpoġġa fil-lokalità. Il-Viċi-Sindku qal illi kien ingħata parir mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex il-Kunsill ma jaċċettax flus u minflok tinkuraġixxi l-kunċett tar-responsabbiltà soċjali korporattiva. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax it-talba tal-kumpanija *Malta Textile Recycling.*

499.5.2 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex il-Kunsill isib soluzzjoni għall-kwantità ta' ilma tax-xita li waqt u wara kull maltempata kien qed ikun hemm f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi ~~fi Triq is-Santwarju~~ fil-viċinanzi tal-ħanut *Prime.* Is-Sur Buttigieg issuġerixxa li jsir kanal biex jilqa' l-ilma tax-xita li jinżel fil-viċinanzi tal-ħanut *Prime* f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi ~~fi Triq is-Santwarju~~ u jiġi devjat għal ġol kanal li hemm fil-viċinanzi tas-Sala Ragħaj it-Tajjeb. (Emendati)

499.5.3 Is-Sur Joseph Buttigieg tkellem ukoll dwar il-problema tal-għargħar fi Triq Mons Gużeppi Zarb wara li tagħmel ix-xita.

499.5.4 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi meta tagħmel ix-xita kienu qed jinġarru l-kaxxi u l-boroż tal-iskart minn Triq il-Kunsill tal-Ewropa bil-konsegwenza li jsir sadd fil-*culverts* tal-ilma tax-xita.

499.5.5 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li jitnaddfu l-*culverts* tal-ilma tax-xita li hemm fi Triq l-Iskola, Triq Lia, Triq il-Qalb Imqaddsa u l-madwar.

499.5.6 Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex jitnaddfu l-*culverts* tal-ilma tax-xita li hemm fi Triq il-Mina ta' Hompesch quddiem il-pompa tal-fjuwil, kif ukoll il-*culverts* li hemm fi Triq l-10 ta' Settembru 1797.

499.5.7 Is-Sur Joseph Agius talab lill-Kunsill biex jindirizza l-problema ta' għargħar ta' ilma tax-xita quddiem il-Kappella Ċentru Santa Marija fi Triq Santa Marija.

499.5.8 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex jiġi rranġat iċ-ċint tas-*soft area* li hemm fi Triq iċ-Ċimiterju. Is-Sur Buttigieg talab ukoll sabiex jinżabru s-siġar li hemm f'din is-*soft area*.

499.5.9 Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill li fl-4 t'Ottubru ~~fl-4 ta' Novembru 2018~~ kienet ser issir ħarġa għall-anzjani. (Emendati)

499.5.10 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi s-Sotto Kumitat tal-Anzjani kien innomina lis-Sur Gużeppi Teuma għall-Premju Anzjanità Attivà 2018.

499.5.11 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li jsir xogħol ta' *patching* fi Triq iż-Żarżarell u talbet sabiex jitwaħħlu tabelli ta' *no parking* minn ġurnata qabel peress illi l-ħofor kienu qiegħdin fil-*parking bays*.

499.5.12 Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi kienet ġiet avviċinata mis-Sinjura Maria Micallef sabiex isir *heritage trail* f'Ħaż-Żabbar. Is-Sinjura Calleja qalet ukoll illi s-Sinjura Micallef kienet toffri s-servizz ta' gwida. Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel laqgħa mas-Sinjura Micallef sabiex tinġieb iktar informazzjoni f'dan ir-rigward.

499.5.13 Is-Sur Joseph Bonnici staqsa jekk is-*CCTV camera* li twaħħlet fi Triq iċ-Ċikas kienetx ġiet attivata. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb fil-pożittiv. Is-Sur Bonnici qal illi xi individwi kienu poġġew il-borża tal-iskart fil-kantuniera ta' Triq iċ-Ċikas.

499.5.14 Is-Sur Joseph Agius qal illi kien irċieva lmenti dwar il-ħtieġa ta' tindif fi Triq il-Ħawt kantuniera ma' Triq Felice peress illi kien hemm skart goff kif ukoll skart ieħor li jrid jitnaddaf. Is-Sur Agius qal ukoll illi hemm siġra tal-bajtar li kienet qed twaqqa' ħafna pal tal-bajtar fuq il-bankina.

499.5.15 Is-Sur Joseph Agius reġa' semma l-ħtieġa li jingħata wiċċ ġdid fi Trejqet San Ġorġ Preca.

499.5.16 Is-Sur John J Pace talab sabiex jinbidlu l-*air conditions* li hemm fis-sala tal-Kunsill peress illi kienu antiki u ma kienux qed jaħdmu.

499.5.17 Is-Sur John J Pace issuġġerixxa sabiex il-Kunsill joffri s-sala tal-Kunsill biex b'hekk jiġu organizzati l-korsijiet dwar *CPR* u *AED* lir-residenti.

**499.6 Mozzjonijiet; u**

499.6.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**499.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

499.7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.10 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-500 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 22 t' Ottubru, 2018.

IFFIRMATA

Mark Grech
Viċi-Sindku